PLURIBUS PARENS

Minuti tad-dsatax il-laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Ħamis 16 ta' Jannar 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**<u>Aġenda:-</u>**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. Minuti 16/7 (02 ta' Diċembru 2013)
   b. Minuti 17/7 (10 ta' Diċembru 2013)
   c. Minuti 18/7 (07 ta' Jannar 2014)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Għeluq ta' tenders:-
   a. GLCtender/08/2010 – Provision of Open Skips (Għeluq it-Tlett snin)
   b. GLCtender/07/2012 – Insurance Broker (Tiġdid it-tieni sena)
   c. GLCtender/13/2010 – Supply and Delivery of Concrete (Tiġdid it-tieni sena)

5. Xogħlijiet u Progress:-
   a. Triq il-Kbira - kontijiet
   b. Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.
   c. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

6. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress

7. Laqgħa Pubblika

8. Finanzi:-
   a. Petty Cash;
   b. Skeda ta' Pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.55pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti:-**

**a. Minuti 16/7 (02 ta' Diċembru 2013)**
**b. Minuti 17/7 (10 ta' Diċembru 2013)**
**c. Minuti 18/7 (07 ta' Jannar 2014)**

1.1 Dawn il-minuti ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija. Wara li saru xi osservazzjonijiet, dawn il-minuti ġew approvati nem con.

1.2.0 Affarijiet li tqajjmu mill-minuti 16/7 (02 ta' Diċembru 2013)

1.2.1 Tema 2.2.2 Dawl u tiżjin tal-Milied fit-toroq ewlenin tal-Gudja. Il-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino irrimarka li għalkemm dan ix-xogħol kien ingħata fil-limitu u ambitu ta' direct order, l-għan ewlieni tal-Kunsill kien li jkun hemm ħidma u kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-organizazzjonijiet li ngħataw dawn l-inkarigu rispettivament, cioe is-Soċjeta Filarmonika La Stella, l-Għaqda Mużikali Marija Assunta u l-Grupp Armar Santa Marija, għaliex b'din il-kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet u l-Kunsill, jinkiseb aktar ġid b'risq il-kommunita' tal-Gudja.

1.2.2 Tema 4.1.2 – Triq il-Kbira –kontijiet. Is-Sur Baldacchino irrimarka li filwaqt li intqal li l-pave li kien diġa tqiegħed fuq il-post, kien inġabar bil-galbu, allura għaliex dan ma setax jerġa jintuża? Is-Sindku wieġeb billi ikkonferma li dan il-ftit pave inqala bil-galbu iżda kellu difetti li ma setax jerġa jintuża ħlief bħala ftit ġonot u radam.

Is-Sur Baldacchino irribatta billi qal li għal darba oħra, f'każi simili, għandu jkun hemm aktar attenzjoni sabiex ix-xogħol isir aħjar u b'hekk jiġu frankati l-ispejjeż. Barra minnhekk il-Kunsill għandu jitlob kumpens mingħand il-kuntrattur u dan billi jagħmel tnaqqis mill-bilanċ li qed jippretendi l-istess kuntrattur.

**2. Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Proġett Triq Ħal Safi Il-Gudja. Bankina, resurfacing, etc. Laqgħa fuq il-post li saret is-Sibt 11 ta' Jannar 2014 mal-Perit AudreyAnne Bonnici. Is-Sindku fakkar li saret din il-laqgħa fuq il-post u irringrazzja lill Viċi-Sindku u l-kunsillieri l-oħra kollha talli attendew għal din il-laqgħa. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill kien qed jistenna r-rapporti mingħand il-Perita sabiex b'hekk l-Kunsill ikun jista jikkonsidra kif ikun jista' jipproċedi. Is-Sindku fakkar li l-bankina fi Triq Ħal Safi għandha tingħata prijorita.

2.1.2 Ħarġa għal Għawdex li saret il-Ħadd 15 ta' Diċembru 2013. Is-Sindku qal li din il-ħarġa kienet suċċess u kien jidher ċar li dawk kollha li attendew ħadu gost u ħadu interess f'dak li raw speċjalment bil-viżita tal-villaġġ ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Is-Sindku ippreżenta ukoll rendikont tad-dħul u ħruġ dwar din il-laqgħa u qal li l-ispiża finali tal-Kunsill kienet dik ta' €700.00. Meta tara li kien hemm attendenza ta' aktar minn mitt ruħ, din l-ispiża hija ferm raġonevoli u ġustifikata għaliex saret fl-aħjar interess tal-kommunita' Gudjana.

2.1.3 Laqgħa mal-iSpettur Fenech mill-Għassa taż-Żejtun. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa ġie diskuss il-ħtieġa li l-Għassa tinfetaħ b'mod regolari u l-preżenza tal-Pulizija qrib l-iskola primarja tal-Gudja speċjalment waqt il-ħin tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-istess skola.

2.1.4 Laqgħa mal-uffiċjali tas-sezzjoni ilqugh tal-ilma, is-Sur Anthony D. Brincat dwar il-ġibjuni fil-Gudja fil-15 ta' Jannar 2014. Is-Sindku qal li din il-laqgħa li seħħet mingħajr appuntament formali kienet waħda ta' informazzjoni mas-Sur Brincat dwar fejn jinsabu l-ġibjuni ġewwa il-Gudja.

Il-Viċi-Sindku qal illi peress laqgħat bħal dawn jolqtu d-dekasteru tiegħu taħt l-ambitu tal-ambjent, huwa xtaq li jkun infurmat dwar din il-laqgħa sabiex kieku anke huwa kien jattendi. Meta jkun hemm dawn it-tip ta' laqgħat wieħed għandu jkun infurmat aħjar minn qabel.

Is-Sindku wieġeb li din il-laqgħa saret ħabta u sabta, iżda għal futur huwa ma jisb l-ebda diffikulta li jinforma lil kulħadd dwar dawn il-laqgħat.

2.1.5 Performance Bonus – Segretarju Eżekuttiv – is-Sur Joseph M. Formosa. Is-Sindku qal li huwa kien qed jirrakkomanda li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu fil-performance bonus li huwa ta' 10%. Il-Viċi-Sindku l-kunsillieri kollha preżenti qablu ma' dak li ippropona s-Sindku u ikkonfermaw ukoll li s-Sur Joseph M. Formosa għandu jkompli jaħdem fil-kariga tiegħu mal-Kunsill u dan fl-aħjar interess tal-Kunsill u l-Kommunita tal-Gudja.

Performance Bonus – Assistant Principal – Ms. Antoinette Azzopardi. Is-Sindku qal li fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv huwa kien qed jaqbel u jikkonferma li Ms. Azzopardi tingħata l-massimu fil-performance bonus ta' 6%. Il-Viċi-Sindku u l-kunsillieri kollha preżenti qablu ma' dak li ippropona s-Sindku u ikkonfermaw li Ms. Azzopardi għandha tkompli taħdem fil-kariga tagħha u dan fl-aħjar interess tal-Kunsill u l-kommunita tal-Gudja.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'ismu u f'isem l-Assistant Prinċipal Ms. Azzopardi, xtaq li jirringrazzja lis-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri kollha tal-approvazzjoni tagħhom dwar l-għoti massimu tal-performance bonus kif ukoll dwar is-sapport, l-ko-operazzjoni u s-solidarjet tagħhom fil-ħidma amministrattiva tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li huwa jinsab sodisfatt ħafna li l-Kunsill ikkonferma li huwa għandu jkompli fil-kariga u ħidma tiegħu mal-Kunsill Lokali Il-Gudja. Is-Sur Formosa qal li huwa għandu l-ħeġġa, l-enerġija u entużjażmu li jkompli jaħdem fl-aħjar interess tal-Kunsill u l-kommunita kollha tal-Gudja.

2.1.6 Xiri ta' truck żgħir/van għal użu tal-Kunsill. Is-Sindku qal li kif huwa semmgħa drabi oħra huwa kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jixtri dan it-tip ta' vettura għaliex il-ħtiġijiet tal-Kunsill jirrikjedu dan u l-kiri ta' vettura mhux qed ikun vijabli. Is-Sindku qal li s'issa l-van li ġie ppreżentat għall-użu tal-Kunsill ma kienx tajjeb u nieqes minn ilqugħ xieraq.

Saret diskussjoni u sar qbil li x-xiri ta' vettura, fil-preżent, mhux vijabbli, iżda l-Kunsill għandu jeżiġi li l-kuntrattur li huwa ukoll responsabbli għal ġbir ta' skart goff għandu jippreżenta vettura li taqdi sewwa l-ħtiġijiet tal-Kunsill meta tintalab il-kirja mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jitlob ritratt tal-vettura u l-qis ta' din l-istess vettura kif ukoll li jiġi assigurat li l-vettura tkun kopera bil-liċenzji u permessi meħtieġa.

2.1.7 Ħtieġa ta' garage/store għal ħtiġijiet tal-Kunsill. Is-Sindku qal li din il-ħtieġa ilha tinħass u għalhekk il-Kunsill għandu jaġixxi malajr kemm jista' ikun. Saret diskussjoni u sar qbil li fiċ-ċirkustanzi l-ħtieġa hija dik ta' store u mhux aktar ta' struttura ta' garage. Il-Kunsill ikkonsidra diversi possibiltajiet u finalment iddeċieda li japplika mal-Housing Authority dwar store numru 04 li jinstab f'dan il-Housing Estate li jkun ferm utli għal użu tal-Kunsill.

2.2 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Qlugħ u tħawwil ta' siġar ġodda (taż-żebbuġa u awrekarja), is-Sur Baldacchino qal li l-ficus li kienet qed toħloq inkonvenjnet u ħsara fuq in-naħa tas-service road ta' Triq Ħal Tarxien, ġiet maqlugħa mill-kuntrattur ELC u dan wara li nkisbu l-permessi meħtiega u fl-istess inħawi sejrin jitħawwlu siġra oħra bħal taż-żebbuġ u siġar indiġeni.

Inqalgħu ukoll tlett siġriet ficus minn Ġnien Raymond Caruana u flokhom tħawwlu siġra taż-żebbuġ, prinjola u awrekarja.

b. Wesgħet Anġlu Dalli – bankijiet u dustbin. Il-Viċi-Sindku qal li din il-Wesgħa issa ingħatat dehra ġdida u l-Kunsill għandu jara l-aħjar mezz kif tiġi mdawwla aħjar u kif il-wiċċ jiġi rranġat sabiex tkun tista' titgawda aħjar. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill kiseb wegħda ta' fondi ta' €1000.00 mill-GreenPak u diġa kiteb sabiex jikseb dawn il-flus ta' €1000.00 sabiex jagħmlu tajjeb għal parti minn nefqa.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jikseb il-pariri dwar kif l-aħjar tiġi trattata l-art ta' Wesgħet Anglu Dali kif ukoll li xi forma ta' dawl għandu jkun energy saving, LED fuq sistema solari.

c. Ġabra ta' ħwejjeġ użati għall-Fondazzjoni Inspire li sejra issir nhar is-Sibt 25 ta' Jannar 2014 fil-Kunsill Lokai Il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-għan ta' din il-ġabra huwa li jgħin l-ambjent/riċiklaġġ kif ukoll sabiex tgħin lil Fondazjzoni Inspire u saret ukoll b'kollaborazzjoni tal-Kunsill mal-GreenPak.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Proġett YiA – Estonja – Games of Time. Is-Sur Sammut qal li kif kien ġie maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill tat-02 ta' Diċembru 2013 il-Kunsill kien kompla jaħdem sabiex jinstabu żgħażagħ Gudjani li jkunu interessati u eliġibli. Is-Sur Sammut qal li wara li ħarġet ċirkulari għand ir-residneti kollha tal-Gudja u wara li uħud minn dawk li kienu interessati, irriżulta li l-grupp sejjer ikun ta' sitt member – 4 żgħażagħ mill-Gudja u 2 żgħażagħ barra mill-Gudja. Dawn huma: Matthew Barbara, Jurgen Dingli, Marylyn Sammut, Maria Serpina, Victoria Martha Cassar u Sara Schembri. Is-Sur Sammut qal illi kif kien iddeċieda l-Kunsill huwa kien sejjer ikun leader ta' dan il-grupp li sejjer iħalli Malta nhar il-Ħadd 19 ta' Jannar 2014 u jiġi lura l-Ħadd 26 ta' Jannar 2014. Il-Kunsill qabel li l-ispejjeż kollha tal-leader jitħallsu mill-Kunsill kif sar drabi oħra. 70% tal-ispejjeż ser jitħallsu mill-fond tal-YiA u t-30% ser jitħallsu miż-żgħażagħ. Il-Kunsill awgura li dan il-grupp ikollu l-akbar suċċess u li jinkiseb il-ġid sew bħala grupp kif ukoll mill-att individwali.

ii. Kunsill Lokali Żgħażagħ fil-Gudja. Is-Sur Sammut qal li għalkemm għamel dak li setgħa sabiex jinġabar dan il-Kunsill kienu biss erba' membri li applikaw iżda peress li n-numru meħtieġ kien ta' 5 dan il-Kunsill ma setgħax jiġi stabbilit. Ms. Grech qalet li hija kienet taħseb li setgħet tgħin u għalhekk talbet li tingħata ftit żmien sabiex tagħmel l-indaġini sabiex tara li

ssibx xi żgħażagħ li jkunu interessati. Is-Sur Sammut irringrazzja lil Ms Grech u qal li kien sejjer jistenna li jirċievi risposta mingħand Ms. Grech.

iii. Trasport Pubbliku li jolqot il-Gudja. Is-Sur Sammut qal li peress li huma konxju li l-Kunsill kien għamel diversi rapprezentazzjonijiet mal-Awtoritajiet u peress li qed tissemma li dawn ir-rotot ġew jew dalwaqt sejrin jiġu finalizzati, il-Kunsill għandu jitlob aktar targħrif dwar dawn ir-rotot li jolqtu lir-residenti tal-Gudaj u oħrjan li jkunu jixtiequ jagħmlu użu mit-Trasport Pubbliku li jservi lill-Gudja.

iv. Gas Power Station – Delimara – Environmental Impact Assessment. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jikseb aktar tagħrif dwar dan sabiex jitħares l-interess tal-Gudja. Il-Kunsill qabel ukoll li jkompli jsegwi dwar dan u qabel ukoll li jitlob lill MEPA kif ukoll lill AKL sabiex jikseb dak meħtieġ.

b. Demelsa Grech

i. Ġurnata dwar laqgħat tal-Kunsill. Ms. Grech qalet li nhar ta' Tlieta hija tkun marbuta b'xogħol li jeħdilha sad-9.00pm u għalhekk ma tkunx tista' tattendi l-laqgħat tal-Kunsill. Ms. Grech qalet li kien dan li gab l-assenza tagħha meta m'attenditx għal-laqgħat li ġew imsejħa nhar ta' Tlieta. Hija irringrazzjat lill-Kunsilliera kollha li kienu unanimu li qablu sabiex kull meta kienet assenti hija ġiet konsidrata bħala skużata. Saret diskussjoni u sar qbil li l-laqgħat tal-Kunsill ma jsirux nhar ta' Tlieta.

ii. Buget Ewropej 2014-2020. Ms. Grech qalet issa li dan il-bagit ġie iffinalizzat u approvat hija kienet qed tesplora l-possibiltajiet kollha sabiex il-Kunsill jikseb xi fondi taħt kapi diversi li joħroġu minn dan il-bagi skond il-prijorita li tissemma fl-istess bagit.

iii. Valleta 2018 (V18) Fondi mill-Ewropa. Ms. Grech qalet li hija kienet ukoll qed tesplora possibilita li l-Kunsill jaħdem mal-Proġett V18 bil-għan li jinkisbu fondi dwar kultura u aspetti oħra li jolqtu l-istorja, heritage u kultura fil-Gudja li jsrafu fl-interess kemm lokali kif ukoll nazzjonali u internazzjonali.

c. Stefan Caruana

i. Laqgħat mas-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali u l-Kultura Onor Jose' Herrera. Is-Sur Caruana qal li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill ikollu laqgħa li fiha jiġu diskussi diversi aspetti kemm kulturali kif ukoll dawk li jolqtu diretament lil Kunsill bħal ma huma bini tal-Kunsill kif ukoll l-konfini sabiex jiġu irranġati diversi amomalji. Il-Kunsill qabel ma' dak li ippropona s-Sur Caruana u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iħejji agenda proposta u titbagħat lis-Segretarju Parlamenti sabiex tintalab din il-laqgħa.

ii. Tabelli Heritage Trail. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jsegwi fuq il-pariri tal-Perit tal-Kunsill sabiex dan ikun proġett ħolistiku u meta jibda għandu jiġi mwettaq anke jekk f'diversi stadji, ikun hemm ippjanar u eżekuzzjoni li finalment jiġi assigurat li dak li jsir ikun qed issir fuq pjan. Dan ikun jista' jkun ta' għajnuna anke sabiex tintalab xi forma ta' fondi kemm mill-Ewropa kif ukoll dipartiment jew xi fondi oħra.

iii. Attivitajiet fil-Milied 2013 – Kunċert u l-attivita 'Il-Milied ta' Dari'. Is-Sur Caruana qal fi ftit kliem, għalkemm wieħed għandu jagħmel analiżi aktar profonda, huwa kien sodisfat minn dak li sar u inkiseb. Il-bagit stabbilit ta' €6000.00 li fih kien jinkludi dawl tat-toroq ta' €1110.00 lil Soċjeta Filarmonika La Stella, Għaqda Mużikali Marija Assunta u l-Grupp Armar Santa Marija zgur li ma nqabbiżx iżda saret nefqa wisq anqas. Is-Sur Caruana qal li xtaq jirringrazzja lil kulħadd speċjalment lil voluntier is-Sur Charles Zammit.

Is-Sur Caruana xtaq ukoll li jirringrazzja lill Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino u lil voluntiera kollha speċjalment lis-Sur Mario Gatt, is-Sur Martin Gravina u żgħażagħ oħra li ħadmu bla heda b'mod volontarju sabiex jittellgħu dawn l-attivitajiet. Is-Sur Caruana qal li kieku ma kinitx il-ħidma ta' dawn il-voluntiera l-attivitajiet ma setgħux ikun possibli.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Caruana u ingħaqad mar-ringrazzjament tas-Sur Caruana u stqarr li l-ħidma tal-voluntiera hija ferm meħtieġa u nkoraġġuta fil-ħidma kollha tal-Kunsill għaliex b'hekk jiġi assigurat li din il-ħidma ikollha s-suċċess mixtieq. Rapport al-attivitjaiet tal-Milied jinsab mehmuż ma' dawn il-minuti immarkat Dok SC1.

iv. Attivita li saret fi Triq R. Caruana fl-istess jum meta ittelgħet l-attivita 'Milied ta' Dari'. Is-Sur Caruana qal li kien iħossu ferm diżappuntat li wara li persuna tkun irriffjutat li tipparteċipa fi ħdan il-Kunsill tibgħat ġentiuri għand is-Sindku sabiex bla ebda avviż titlob permess sabiex itella l-programm separat. Wara li għamlu kuntatt mas-Sindku dawn il-persuni ippretendew li kellhom jingħataw permess li jtellgħu l-attivita tagħhom anke jekk forsi din setgħet tħarbat l-attivita li kienet ilha ippreparata mill-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li huwa ma kienx ta' l-ebda permess kemm formali jew informali iżda qal lil dawn il-ġenituri sabiex jagħmlu kuntatt mas-Sur Caruana peress li din l-attivita tal-Kunsill tinsab taħt l-inkariga tas-Sur Caruana. Is-Sur Caruana qal li kienet battikata għalih li jippreswadi li dawn il-ġenituri li kienet dik l-istess organizzaturi ta' din l-attivita li għaliha kienet bagħtet li tikseb permess li għat-tieni sena konsekuttiva irrifjutat taħt skuża jew oħra li ma tipparteċipax fl-attivita tal-milied fi ħdan il-Kunsill.

Is-Sur Caruana qal li nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru 2013 kellu laqgħa ma' żewġ ġenituri u fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv fejn wara li semgħa l-ilment u rikjesta tal-ġenituri spjegalhom kif il-Kunsill kien talab il-parteċipazzjoni li ma ġiex aċċettata.

Sabiex jiġi evitat konflitt serju sar qbil li l-attivita l-oħra tibda wara dik li tispiċċa l-attivita' tal-Kunsill u ntlaħaq qbil li dawn l-istess ġenituri jaħdmu mal-Kunsill sabiex fil-futur jiġu evitati l-konflitti anzi kulħadd jaħdem flimkien sabiex ikun hemm aktar okkażjonijiet fejn naħdmu flimkien. Is-Sur Caruana qal li sfortunatament l-organizzaturi ma żammewx ma' dak miftiehem u dan urta ħafna kemm lilu (is-Sur Caruana) kif ukoll lil dawk li ħadmu dwar l-attivita tal-Milied ta' Dari.

F'dan l-istadju is-Sur Baldacchino qal li anke huwa kellu l-istess esperjenza ħażina meta għal Milied ta' Dari 2012 huwa talab l-parteċipazzjoni tal-istess organizzaturi izda naqset li tagħmel dan.

Is-Sur Baldacchino qal li xtaq jagħmilha ċara li huwa dejjem jinsisti u jaħadem sabiex fl-attivitajiet tal-Kunsill jiġu involuti r-residenti kollha tal-Gudja u li qatt ma ċaħħad lil-ħadd milli jipparteċipa. Li tisma' minn xi ġenituri li huwa kien ċaħħad lit-tfal milli jipparteċipaw, hija qlajja infondata u lest li juri bil-fatti kemm min jgħid jew jallega hekk ikun żbaljat u bogħod mill-verita. Sfortunament il-ħsara tkun saret.

Is-Sur Baldacchino u s-Sur Caruana qalu li mhux sewwa li jkun hemm xi ħadd li b'mod kappriċċjuż jgħaddi minn fuqhom u ħarbat il-ħidma ta' dawk li jkunu ħadmu għas-suċċess tal-attivita. Kemm is-Sur Caruana kif ukoll is-Sur Baldacchino qalu lli b'dan l-aġir huma jkunu qed jitpoġġew f'dell ikraħ quddiem ir-residenti speċjalment mall-ġenituri kemm residenti fil-Gudja u oħrjan.

Is-Sindku qal li min jgħid jew jallega li kien huwa li ta' xi forma ta' permess ikun żbaljat u jkun lest li jieħu passi dwar dan.

Il-Kunsill qabel u reġa afferma li kull attivita tibda u tispiċċa fi ħdan il-Kunsill u ħadd ma huwa awtorizzat li b'xi forma jew oħra jintervjenu, jagħmel xi ftehim jew jesprimi xi opinjoni, favur jew kontra, ħlief fl-ambitu tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa ma' dawn it-tlett ġenituri sabiex tiġi esplorata l-possibilita aktar ħidma konġunta u jkun hemm aktar mezzi ta' kommunikazzjoni u ippjanar sabiex minflokk jinħoloq inċidenti tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-Kunsill u dawk ir-residenti li jkunu jixtiequ jipparteċipaw fil-ħidma u l-attivitajiet tal-Kunsill.

2.3.0 Korrispondenza

2.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-korrispondenza kemm dik li rċieva kif ukoll dak li intbagħat mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi fl-aħjar interess tal-Kunsill.

## 3.0 <u>Rapporti</u>

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ilmenti li rċieva l-Kunsill u ħa konjuzjoni dwar kif il-Kunsill wieġeb u jaġixxi sabiex dawn l-ilment jiġu konsidrati fl-aqsar ħinpossibli għas-sodisfazzjoni għal kull min ikun għamel ilment jew xi forma ta' kumment u rakkomandazzjoni.

3.1.2 Il-Kunsill ħa ukoll konjuzjoni dwar ilment li għandhom x'jaqsmu mat-tifi tad-dawl fi Ġnien Ġlormu Cassar speċjalment wara xi maltempata. Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lill kuntrattur Nexos sabiex jindaga dwar dan u li jippreżenta rapport dwar il-possibilita li d-dawl jinqasam fuq diversi fuses/circuits, sabiex malli jkun hemm ħsarat ma jinqatax id-dawl kollu iżda jkun hemm possibilita li jibqgħu jixgħelu ferat oħra ta' dawl ma jkunux ġew milquta.

## 4.0 <u>Għeluq ta' tenders</u>

4.1 GLCtender/08/2010 – Provision of Open Skips (Għeluq it-Tlett snin). Peress li din hija l-għeluq tat-tlett snin il-Kunsill qabel li jerġa joħroġ sejħa ġdida iżda ukoll iġedded b'xahar mill-eskadenza tal-kuntratt sakemm jiġu konklużi l-proċeduri li jintgħażel kuntrattur ġdid.

4.2 GLCtender/07/2012 – Insurance Broker (Tiġdid it-tieni sena). Il-Kunsill qabel li jkun hemm tiġdid għat-tieni sena fuq it-termini u kundizzjonijiet eżistenti.

4.3 GLCtender/13/2010 – Supply and Delivery of Concrete (Tiġdid it-tieni sena). Il-Kunsill qabel li jkun hemm tiġdid għat-tieni sena fuq it-termini u kundizzjonijiet eżistenti.

**5.0 Xogħlijiet u Progress**

5.1 Triq il-Kbira – kontijiet. Il-Kunsill ġie infurmat li saru pagamenti ta' €44,083.71 lil Maksar u ta' €20,000.00 lid-Denfar Excavators Ltd skond kif kien qabel u iddeċieda l-Kunsill.

5.2 Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa. Il-Kunsill qabel u iddeċieda li jimxi skond kif diġa maqbul u indikat f'dawn l-istess minuti.

5.3 Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni. Il-Kunsill qabel li jimxi u jaġixxi skond kif indikat mill-Perit tal-Kunsill fir-apport tagħha datat 07 ta' Jannar 2014 iżda għandu jiġi żgurat li kwalsijasi xogħol għandu jsir fil-partijiet li jinsabu fil-konfini tal-Gudja.

**6.0 UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress**

6.1 Il-Viċi-Sindku qal li l-proġett kompla u tlesta l-fence fejn it-tfal jistgħu jilgħabu f'ambjent aktar sikur. Saret ukoll l-filata fil-pitch bħala ilqugħ għal-ħamrija, u sar ukoll il-bank fil-gazebo kif kien diġa indikat f'laqgħa oħra tal-Kunsill. Is-Sur Baldacchino qal li jonqos li jsiru dustbins, dawl xieraq, cameras u railing xieraq madwar l-istess gazebo.

6.2 Is-Sur Baldacchino qal fi żmein qasir għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur u l-Perit tal-Kunsill William Lewis sabiex jibda jiġi ċertifikat x-xogħol u anke jsiru pagamenti mill-fondi taħt l-iskema tal-UIF.

**7.0 Laqgħa Pubblika**

7.1 Il-Kunsill qabel u iddeċieda li tiġi msejħa laqgħa tal-lokalita skond kif stabbilit paragrafu 70 subinċiż 1 sa 5 fil-Kapitolu 363 (Att dwar il-Kunsilli Lokali) paġna 33 nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2014 fis-7.00op.m. fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

7.2 Il-Kunsill qabel li ssir kull pubbliċita' dwar din il-laqgħa u jħeġġeġ lir-residenti kollha tal-Gudja sabiex jattendu u jagħmlu l-proposti tagħhom għaliex wara din il-laqgħa l-Kunsill jikkonsidra l-estimi għas-sena finanzjarja 2014.

**8.0 Finanzi**

8.1 Petty Cash; l-Kunsill approva n-nefqa ta' €47.08 għax-xahar ta' Diċembru 2013.

8.2 Skeda ta' Pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti nru 09/7 għax-xahar ta' Diċembru 2013 għas-somma totali ta' €45,274.50 ġiet approvata nem con.

8.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8.3.1 Xiri ta' cold asphalt. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku, il-Kunsill qabel u approva li jinxtraw 100 borża cold asphalt sabiex jiġu mimlija diversi ħofor fit-toroq tal-

Gudja u dan taħt l-awspiċi tal-kuntrattur li ġie approvat mill-Kunsill dwar dan ix-xogħol.

8.3.2 Fuq rakkomandazzjoni tal-Viċi-Sindku l-Kunsill qabel u approva li tinxtara żebgħa sabiex tinżebaħ id-dawra tal-Gazebo u nħawi oħra fl-istess Ġnien Raymond Caruana kif ikun meħtieġ.

8.3.3 Il-Kunsill approva illi jinxtraw tlett signs posts mingħand MSC Fabrications li kull waħda tiswa €259.60.

8.3.4 Il-Kunsill approva x-xiri ta' servizzi u materjal kif indikati ukoll aktar il-fuq f'dawn l-istess minuti u qabel li jagħmel il-finanzjament tagħhom skond il-proċeduri stabbiliti.

## 9. <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>

9.1 Kors tal-Macrame' u ieħor dwar il-Craft tal-Għid. Is-Sur Caruana qal li l-kors li diġa sar tal-Macrame' u dak tal-Craft tal-Milied kienu suċċess u kull min attenda kien veru sodisfat kif kien indikat fl-eżibizzjoni tax-xogħlijiet li ġew murija fl-eżibizzjoni waqt l-attivitajiet tal-Milied. Is-Sur Caruana qal li kien hemm diversi talbiet sabiex jerġa jsir kors tal-Macrame' li jista jkompli fuq dak li diġa inkiseb u fuq l-istess bażi tal-kors ta' qabel u ieħor tal-Craft għaż-żmien tal-Għid. Is-Sur Caruana issuġerixxa li dawn il-korsijiet jibda f'nofs Frar 2014.

Il-Kunsill qabel ma' dak li ippropona s-Sur Caruana u iddeċieda li jerġa javviċina lis-Mrs Lina Grech sabiex il-Kunsill jiftaħ dawn il-korsijiet għall-applikazzjonijiet u jimxi fuq l-istess bażi li mexa fil-korsijiet ta' qabel.

9.2 Xiri ta' kotba dwar Jum il-Qari, proġett dwar li jħajjar il-qari u niġġieldu l-illitteriżmu bil-kollaborazzjoni mal-iSkola Primarja tal-Gudja Kulleġġ San Benedittu. Il-Kunsill approva u qabel li jkompli jinkoraġixxi l-qari u jaħdem fil-qrib mal-iskola Primarja tal-Gudja u approva li jagħmel il-pagament ta' €721.24 dwar kotba li qegħdin jintużaw f'dan il-proġett kif ukoll il-kisi ta' dawn il-kotba sabiex b'hekk jiġu protetti u jitgawdew aktar fit-tul mill-istudenti ta' din l-iskola u kull min jixtieq jipparteċiopa f'dan il-proġett dwar il-qari (Ara Dok 'SPQ1').

## <u>Aġġornament</u>

Peress li t-temi kollha fuq l-Agenda ġew eżawriti s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.35p.m. u aġġorna għal 20 ta' Frar 2014 fis-5.45pm fuq Agenda li tiġi ċirkulata aktar il-quddiem qabel il-laqgħa. Is-Sindku fakkar ukoll illi fl-istess jum sejra tiġi msejħa l-laqgħa pubblika li għandha tibda fis-7.00pm

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-